# FEJN MARRU L-INSINJA TAL-BAŻILIKA MINURI F'MALTA U F'GĦAWDEX

Meta numru ta' nies jinġabru flimkien għall-għan wieħed, ftit wara, din l-għaqda dejjem tfassal xi uniformi jew midalja. Hekk naraw fir-reġimenti, korpi kostitwiti u għaqdiet mużikali. Fil-Knisja wkoll ġara hekk, tant hu hekk naraw kuluri attribwiti lill-Qaddisin: lill-Madonna blu jew krema, lill-San Ġużepp turquoise, lill-martri u lis-Sagrament aħmar u lil San Mikiel aħdar (ir-regola hija din, għad li hawn xi rħula Maltin li għandhom kulur differenti minn dawn). Hekk ukoll ċerti dekorazzjonijiet mal-midalji jkun hemm żigarelli li skond il-kulur juru ta' fejn huma jew it-tifsira tagħhom.

Anki l-Umbrellun Bażilikali għandu l-kuluri tiegħu li huma isfar u aħmar biex juri li hu awtorizzat minn Ruma b'ordni direttament mill-Papa. Tant hu hekk li fil-kotba enċikopediji tal-Knisja bħal Virtue Catholic Enciclopedia, Monatorio Ecclesiastico kollha jiktbu li l-Umbrelluni Bażilikali huma kollha sofor u ħomor. Umbrelluni li ma humiex sofor u ħomor huma Umbrelluni li kienu jgħattu lis-S.Sagrament jew Umbrelluni li jistgħu jingħataw bi privileġġ għal xi att jew dekorazzjoni oħra lejn il-Knisja. Iżda Umbrellun Bażilikali jrid ikun isfar u aħmar biex juri li dik il-Bażilika hija bħal dik ta' Ruma u jrid ikollu arma waħda biss tal-Papa, ta' dak li ta l-privileġġ.



*Umbrellun Bażilikali ħiereġ mill-kolleġjata Bażilika Minuri ta' S. Pietru u S. Pawl, Nadur, Għawdex.*



*Tintinnablu ħiereġ mill-Bażilika Minuri tan-Nadur.*

### Il-Bażiliċi Maltin u Għawdxin

Meta wara l-Bażilika tal-Karmnu tal-Belt bdew jiġu mtellgħin għal din id-dinjità knejjes oħra Maltin u Għawdxin, kull darba li ħarġet xi waħda, użaw dejjem dik tal-Karmnu tal-Belt. Fil-fatt ta' l-Isla meta saret Bażilika Minuri fl-1921, kienu jisselfu t-Tintinnablu u l-Umbrellun Bażilikali tal-Karmnu tal-Belt. Dak in-nhar refa' t-Tintinnablu Fra Rafel Mamo, O. Carm., li dak in-nhar kien għadu sekular u jgħid li dak in-nhar stess ħass is-sejħa.

It-Tintinnablu u l-Umbrellun Bażilikali ġew mislufa wkoll lill-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex, u dik ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur, Għawdex. Malli saret Bażilika dik ta' Sant'Elena ta' Birkirkara, il-Kanonku Dun Vinċenz Saliba ġie l-Karmnu tal-Belt u talab lill-Pirjol ta' dak iż-żmien biex jieħu l-qisien u l-għamla tal-qafas ta' l-injam ta' l-istess Umbrellun Bażilikali.



*1917 Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Purċissjoni li toħroġ mill-Kon Kattidral ta' San Ġwann, Valletta.*

### Parteċipazzjoni f'festi oħra

Kemm-il darba, l-Komunità tal-Madonna tal-Karmnu tas-Santwarju Bażilika ġiet mistiedna tmexxi festi u solennità, iżda meta s-Santwarju tal-Karmnu sar Bażilika Minuri bl-unuri kollha aktar bdiet tiġi mistiedna. Hekk per eżempju, fl-1921 ġiet



***Festa tal-Bażilika ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija Għawdex.***

mistiedna tieħu sehem ġo Birkirkara fiċ-Ċentinarju ta' Sant'Elena u ġiet mogħtija l-preċedenza bħala Santwarju Bażilika. Minn jaf jekk dak in-nhar kienitx l-idea oriġinali biex Birkirkara tittella' biex issir Bażilika Minuri?

Festa oħra li ħadet sehem fiha l-Komunità Karmelitana bl-unur Bażilikali, kienet f'dik ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija ta' Għawdex, 24 ta' Ġunju 1947, li qegħdin inġibu xi ritratti ta' dak in-nhar. Il-Komunità wkoll ħadet sehem f'dik tas-Salvatur ta' Ħal Lija, fil-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u fil-Parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Fl-1951, fis-700 sena tad-dehra u l-għotja tal-Labtu tal-Karmnu mill-Madonna lil San Xmun Stock, l-Umbrellun flimkien mat-Tintinnablu ħa sehem fil-purċissjoni tal-Karmnu li toħroġ mill-knisja tal-Patrijiet Karmelitani Skalzi ta' Birkirkara. Anke fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Gżira ħadet sehem il-komunità Karmelitana bl-unuri Bażilikali. L-aħħar darba li ħadet sehem il-komunità Karmelitana tal-Belt bl-Umbrellun Bażilikali u bit-Tintinnablu, kienet f'Lulju 19.... fil-Parroċċa taż-Żurrieq fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu. Malli ħareġ l-Umbrellun, il-partitarji Karmelitani taż-Żurrieq infexxew f'ċapċipa enormi u devota li naħseb żgur li kieku l-Umbrellun kien jitkellem kien jgħid li dik iċ-ċapċipa żgur ħadha fis-16 ta' Lulju 1895, meta l-ewwel darba ħareġ fil-Purċissjoni tal-Karmnu jew meta wasal mill-Italja u l-patrijiet u d-devoti Beltin rawh dieħel fil-Port u fetħuh fil-pruwa tal-vapur. Skond Patri Spiru Grech u Patri Pawl Gatt, it-tnejn Beltin, jgħidu li fuq il-Barakki u fejn id-dwana kienu invażati bid-devoti tas-Santwarju.



***Kungress Ewkaristiku 1938.***

Meta kienu jieħdu sehem fil-festi ta' San Pawl Nawfragu tal-Kolleġġjata tal-Belt u anki fil-Purċissjonijiet tal-Kon Kattidral ta' San Ġwann tal-Belt, jiġifieri f'dik ta' Korpus, f'dik ta' San Ġwann u f'dik tal-Madonna ta' Caraffa, dejjem ħadu sehem bl-Umbrellun Bażilikali u bit-Tintinnablu. Anki meta l-Komunità ħadet sehem fil-Kungresi Ewkaristiċi u fl-Inkurunazzjonijiet, dejjem ħadu sehem b'dawk il-privileġġi Bażilikali. Niftakar darba meta kelli 12-il sena kont nerfa' s-salib tal-Kleru (għax qabel il-Konċilju, kull Komunità kien ikollha s-Salib tal-Kleru tagħha bil-bandalori tagħhom) waqt purċissjoni tal-Madonna ta' Caraffa, minħabba r-riħ, il-Pirjol ta' dak iż-żmien, P. Stiefnu Bezzina ddeċieda li ma jitilgħux bil-Bażilika u bit-Tintinnablu. Niftakar li wara li l-purċissjoni daħlet fil-Kon Kattidral, waqt li kien dieħel, Mons. Mikiel Gonzi dar fuq il-Pirjol u qallu b'dik il-vuċi solenni tiegħu: "Fejn hi l-Bażilika Papali u l-qanpiena," ir-risposta kienet: "għax ir-riħ Eċċellenza" u waslet l-oħra, "Imissek tellajta magħluqa". Niftakar bqajt impressjonat ħafna.

**P. Martin D. Schembri, O. Carm.**